MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 557/2006

CLT Hotels Services Limited (C19830)

Vs

Robert Arrigo and Sons Limited.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas minghand is-socjeta' konvenuta tas-somma ta' erba mija, tlieta u tmenin lira u tlieta u erbghin centezmu (Lm483.43), u b'digriet tal-20 ta' Gunju 2007 intlaqghet talba ghal korrezzjoni billi thassru hdax il-kelma u hames numri, u gew sostitwiti bil-kliem hames mija u hamsa u tletin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm535.23), ammont rapprezentanti prezz ta' servizzi ta' akkomodazzjoni u servizzi ancillarji moghtija go Patricia Hotel, Guze' Howard Street, Sliema, fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta, liema ammont baqa' ma thallasx minkejja diversi interpellazzjonijiet lilha maghmula. Bl-

ispejjez inkluz l-imghax legali mid-data tan-notifika ta’ l-Avviz, kontra s-socjeta’ konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta’ konvenuta li eccepiet illi qed tikkontesta t-talba attrici peress illi i. Preliminarjament it-talba attrici hija preskritta u dan ai termini tal-paragrafu (a), u b’digriet tat-3 ta’ April 2008 intlaqghet talba ghal korrezzjoni fis-sens illi jitnizzel is-subinciz (b) minnflok (a), tal-Artikolu 2147 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta; u ii. illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni preliminari s-socjeta’ konvenuta ma ghandha taghti xejn lis-socjeta’ attrici u dana kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza; u iii. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Ra l-kontro talba tas-socjeta’ konvenuta li permezz taghha talbet illi s-socjeta’ attrici tigi kkundannata thallas lis-socjeta’ konvenuta s-somma ta’ sitt mija u disa u tletin lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm639.32), rapprezentanti in kwantu ghal erba mija u tnejn u sittin lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm462.32) ‘*overriding commission on direct sales’*, u mija u sebgha u sebghin lira Maltin (Lm177) kontribuzzjoni dovuta ghal ‘*brochure’* mahrug mis-socjeta’ konvenuta u dana kif accettat mis-socjeta’ attrici permezz ta’ skrittura appozita. Bl-ispejjes inkluz l-imghax legali mid-data tan-notifika tal-Avviz sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tas-socjeta’ attrici ghall-kontro talba tas-socjeta’ konvenuta fejn gie eccepit illi l-kontro talba tas-socjeta’ konvenuta hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jirrizulta tajjeb waqt it-trattazzjoni tal-kaz, u ghandha tigi ghalhekk michuda bl-ispejjes kontra l-istess socjeta’ konvenuta.

Ra d-Digriet tieghu tal 20 ta’ Gunju 2007.

Sema’ x-xhieda ta’ Lino Farrugia prodott mis-socjeta’ attrici.

Ra d-Digriet tieghu tat-3 ta’ April 2008.

Ra l-verbal tat-3 ta' April 2008 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta ghat-talba principali tas-socjeta' attrici.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri fir-rigward ta' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta.

**Ikkunsidra.**

Illi din is-sentenza tirrigwarda biss l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta fir-risposta taghha, u cioe illi t-talba attrici hija preskritta ai termini tal-paragrafu (b) tal-Artikolu 2147 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi s-subinciz (b) tal-Artikolu 2147 tal-Kap. 16 jiddisponi hekk kif gej:-

*2147. 'L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sena:-*

*(b) L-azzjonijiet tas-sidien ta' lukanda, tverna jew allogg, ghall-allogg u ghall-ikel li jaghtu.'*

Illi x-xhud Lino Farrugia, prodott mis-socjeta' attrici, kkonferma li l-ammont illi s-socjeta' attrici qed titlob minghand is-socjeta' konvenuta jirrigwarda hlas ghal grupp ta' turisti li waslu Malta f'Mejju tas-sena 2005. Is-socjeta' attrici kienet baghtet invoice datat 17 ta' Mejju 2005 lis-socjeta' konvenuta, fl-ammont ta' Lm541.23, ghas-servizz ta' akkomodazzjoni li kienet tat lil-grupp ta' turisti in kwistjoni. Sussegwentement, fit-28 ta' Mejju 2005, is-socjeta' attrici harget '*credit note'* favur is-socjeta' konvenuta fl-ammont ta' Lm6.00, biex b'hekk l-ammont dovut gie dak ta' Lm535.23. Is-socjeta' konvenuta naqset milli thallas l-ammont indikat fl-invoice, u ghalhekk kellha ssir il-kawza odjerna ghall-ammont mitlub, liema kawza gietipprezentata fit-23 ta' Gunju 2006, u cioe aktar minn sena wara l-hrug ta' l-invoice.

Illi fil-frattemp pero giet skambjata korrispondenza bejn is-socjeta’ attrici u dik konvenuta, u t-Tribunal jaghmel referenza principalment ghall-ittra mibghuta mis-socjeta’ konvenuta fil-11 ta’ Novembru 2005 (Dok. LF2, a fol 32 tal-process), u cioe sitt xhur wara li nharget l-invoice in kwistjoni.

Din l-ittra fiha nnifisha tikkostitwixxi ammissjoni da parti tas-socjeta’ konvenuta illi l-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici huwa dovut, alavolja s-socjeta’ konvenuta qed titlob il-hlas ta’ ammont akbar mis-socjeta’ attrici a bazi ta’ xi invoices taghha li kienet baghtet. Fil-fatt fl-istess ittra, s-socjeta’ konvenuta taghmel kalkolu matematiku fejn l-ewwel tasal ghall-ammont li ghandha tithallas hi, u mbaghad minn dan l-ammont tnaqqas l-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici, biex b’hekk fl-ahhar jibqa ammont dovut favur taghha.

Illi fl-ebda hin u mument f’din l-ittra ma hemm xi cahda da parti tas-socjeta’ konvenuta illi l-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici mhuwiex dovut. Anzi l-ammont ta’ Lm535.23 qed jigi accettat u mdahhal fil-konteggi tas-socjeta’ konvenuta b’mod car u inekwivoku.

Illi l-Artikolu 2133 tal-Kodici Civili (Kap. 16), jiddisponi hekk kif gej:- ‘*Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jaghraf il-jedd tal-parti li kontra taghha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja.’*

Illi jidher car mill-ittra tas-socjeta’ konvenuta tal-11 ta’ Novembru 2005, li l-preskrizzjoni giet interotta b’ammissjoni taghha stess bhala debitrici tas-socjeta’ attrici, u ghalhekk il-kawza odjerna giet ipprezentata fil-hin.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta, bl-ispejjez kontra taghha, u tordna l-prosegwiment tas-smiegh tal-kawza.

**Av. Veronica W. Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------